31969R2604

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2604/69 TAL-KUNSILL
ta' l-20 ta' Diċembru 1969
li japplika għad-dipartimenti barranin Franċizi Regolament (KEE) Nru 2603/69 li jistabbilixxi regoli komuni dwar l-esportazzjoni

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilxxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 227 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Billi d-disposizzjonijiet tal-Komunità dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni dwar l-esportazzjoni għandhom ukoll japplikaw fid-dipartimenti Franċiżi barranin;

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 2603/69 ([1]) ta' l-20 ta' Diċembru 1969 li jistabbilixxi regoli komuni dwar l-esportazzjoni għandhom japplikaw fid-dipartimenti Franċizi barranin.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1969.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1969.

Għall-Kunsill

Il-President

H.J. DE KOSTER

([1]) ĠU L 324, tas-27.12.1969, pġ. 25.